32006R0802

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 802/2006

tat-30 ta' Mejju 2006

li jiffissa l-fatturi ta' konverżjoni applikabbli għall-ħut tal-ispeċi *Thunnus* u *Euthynnus*

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akwakultura[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 26(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3510/82 tat-30 ta' Mejju 2006 li jiffissa l-fatturi tal-konverżjoni applikabbli għall-ħut tal-ispeċi *Thunnus* u *Euthynnus*[2] kien emendat b'mod sostanzjali għal diversi drabi[3]. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Għandu jkun iffissat prezz kull sena għall-produttur Komunitarju għal ħut tal-ispeċi *Thunnus* u *Euthynnus* li hu intenzjonat għall-industrija ta' prodotti fil-laned.

(3) Il-fatturi ta' konverżjoni applikabbli għall-ispeċi differenti, daqsijiet u preżentazzjonijiet tal-ħut tal-ispeċi *Thunnus* u *Euthynnus* għandhom ikunu fissati wkoll.

(4) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Prodotti tas-Sajd.

---

1 ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bl-Att tal-Adeżjoni tal-2003.

2 ĠU L 368, 28.12.1982, p. 27. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3946/92 (ĠU L 392, 31.12.1992, p. 24).

3 Ara l-Anness II

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-fatturi ta' konverżjoni applikabbli għall-ispeċi differenti, daqsijiet u preżentazzjonijiet tal-ħut tal-ispeċi *Thunnus* u *Euthynnus* għandhom ikunu elenkati fl-Anness I hawn mehmuż.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 3510/82 hu mħassar.

Ir-Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness III.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mill-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-30 ta' Mejju 2006.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

I. Il-fatturi ta' konverżjoni applikabbli għall-ispeċi differenti tat-tonn	
Speċi	Fattur ta' konverżjoni
A. Tonn tal-pinen sofor (*Thunnus albacares*):	
— li jkun jiżen aktar minn 10 kg kull wieħed	1,0
— li ma jkunx jiżen aktar minn 10 kg kull wieħed	0,78
B. Albacore (*Thunnus alalunga*)	1,40
C. Skipjack [*Euthynnus (Katsuwonus) pelamis*]	0,62
D. Speċi oħrajn	0,75

II. Il-fatturi ta' konverżjoni applikabbli għal kull waħda mill-ispeċi li hemm riferenza għaliha fit-taqsima I skont il-preżentazzjoni	
Preżentazzjoni	Fattur ta' konverżjoni
A. Sħiħ	1
B. Imnaddaf u mingħajr garġi	1,14
C. Oħrajn	1,24

ANNESS II

Ir-Regolament l-imħassar bl-emendi suċċessivi tiegħu	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3510/82 (ĠU L 368, 28.12.1982, p. 27)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3940/87 (ĠU L 373, 31.12.1987, p. 6)	Il-punt VII tal-Anness biss
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru No 3971/89 (ĠU L 385, 30.12.1989, p. 35)	
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3899/92 (ĠU L 392, 31.12.1992, p. 24)	

ANNESS III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI	
Ir-Regolament (KEE) Nru 3510/82	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
—	Artikolu 2
Artikolu 2	Artikolu 3
Anness	Anness I
—	Anness II
—	Anness III